**MALTA**

# KAMRA TAD-DEPUTATI

## KUMITAT PERMANENTI GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI

*(Rapport Uffiċjali)*

**ID-DISA' PARLAMENT**

**Laqgħa Nru. 103**

**It-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2001**

**Stampat fl-Uffiċċju ta' l-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz Lm1**

**ID-DISA'  PARLAMENT**

**Laqgħa Nru. 103**

**It-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2001**

**Il-Kumitat iltaqa' fil-Palazz, il-Belt Valletta, fis-7.43 p.m.**

**Talba**

## MINUTI

*Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 102 li saret fis-17 t'Ottubru, 2001 ġew konfermati.*

## ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IS-SOĊJETAJIET KOPERATIVI

## *CO-OPERATIVE SOCIETIES BILL*

*Skond riżoluzzjoni tal-Kamra fis-Seduta Nru. 554 tat-18 ta' Ġunju, 2001 il-Kumitat iltaqa' biex ikompli jikkonsidra dan l-Abbozz ta' Liġi.*

*L-Onor. Anthony Abela, President tal-Kumitat, jippresjedi.*

*(Ikompli mill-24 ta' Lulju, 2001)*

**Klawsola 28 -** Reġistrazzjoni provviżorja. (Kont.)

***Clause 28 -*** *Provisional registration. (Cont.)*

**THE CHAIRMAN:** Hemm iktar rimarki fuq klawsola 28, jekk jogħġobkom? (Onor. Membri: *No*) Il-mistoqsija hi l-emenda kif imressqa u moqrija mill-Viċi Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "S" għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hi klawsola 28 kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 28 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 29 -** Reġistrazzjoni ta' soċjeta`.

***Clause 29 -*** *Registration of society.*

**THE CHAIRMAN:** Rimarki? Il-Viċi Prim Ministru.

**ONOR. LAWRENCE GONZI (Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali):** Sur President, għal klawsola 29 għandi din l-emenda:

"T" Minnufih ware s-subklawsola (2) preżenti fil-klawsola 29, għandha tidħol din is-subklawsola (3) ġdida li ġejja:

"(3) Soċjetajiet li jkunu mwaqqfa skond l-iskemi koperativi żviluppati mill-Gvern għal impjegati pubbliċi għandhom ikunu reġistrati f'reġistru separat, li jkun identifikat għaldaqshekk b'mod ċar. F'dawk il-każijiet ikun il-Ministru li f'konsultazzjoni mal-Bord jistabbilixxi għal kemm żmien iddum reġistrazzjoni provviżorja bħal dik.".

"T" *Immediately after the present subclause (2) of clause 29, there shall be inserted the following new subclause (3):*

*"(3) Societies set up in accordance with co-operative schemes developed by Government for public employees shall be registered in a separate register, clearly identified for this purpose. In such cases the duration for any provisional registration shall be established by the Minister in consultation with the Board.".*

Ħalli nagħti spjegazzjoni għaliex inħass il-bżonn li ssir din l-emenda.

Klawsola 29 qed tistabbilixxi t-termini tar-reġistrazzjoni proviżorja ta' kooperativa, pero` aħna dehrilna li għandna nagħmlu eċċezzjoni għar-regola ġenerali billi din il-klawsola tkun tkopri wkoll dawk il-kooperativi li jiġu mwaqqfa bi skemi tal-gvern, bħal per eżempju, il-kooperativa ta' l-għamara, il-kooperativa tas-sinjali tat-toroq u l-kooperativa tal-*laundry*. Jien naħseb li l-Membri ta' dan il-kumitat japprezzaw li xi kultant dawk il-ħaddiema li jkunu se jgħaddu mill-esperjenza ta' kooperativa, li jkunu ħaddiema tal-gvern, ikollhom bżonn jingħataw perijodu ta' żmien biex matulu jiddeċiedu jekk l-esperjenza ta' kooperativa kenitx esperjenza pożittiva jew jekk iridux imorru lura għas-sitwazzjoni li kienu fiha qabel ma twaqqfet il-kooperativa. Għaldaqstant aħna qed ngħidu li f'dan il-każ l-ewwelnett għandu jkun hemm reġistru separat għal dawn il-kooperativi partikolari u t-tieni nett iż-żmien proviżorju li matulu dawn il-kooperativi jkunu reġistrati bħala kooperativi proviżorji għandu jkun stabilit bi qbil bejn il-ministru responsabbli mill-politika soċjali u l-bord tal-kooperativi. B'hekk inkunu qed inħallu ftit flessibbilta` biex f'dawk il-każijiet fejn ikun hemm bżonn li tagħti ftit iktar ċans, tkun tista' tagħti dak iċ-ċans u biex tagħti l-possibbilta` li esperjenza bħal din tiżviluppa.

Irrid nenfasizza li l-iskop ta' dawn it-tip ta' skemi huwa li ninċentivaw u niffaċilitaw l-opportunitajiet għall-ħaddiema tal-gvern kemm jista' jkun biex ibiddlu l-istil ta' kif qed jaħdmu, ċioe` minn ħaddiema tal-gvern jibdew jaħdmu bħala ħaddiema membri ta' kooperativa. Din hija xi ħaġa li matul is-snin iż-żewġ naħat tal-Kamra qablu li għandha tiġi implimentata. Dan huwa pass pożittiv li għandna ninkoraġġuh, u fil-fatt l-emenda li għadni kemm ipproponejt qed tagħmilha iktar faċli biex titwaqqaf kooperativa u titmexxa bl-aħjar mod.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Coleiro.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Għalkemm il-punt li se nagħmel forsi m'huwiex fil-kontest tal-klawsola li qed niddiskutu, dan jista' jservi ta' *background* għal din il-klawsola. Fl-istess żmien li fih il-ħaddiema jkunu qed jaraw jekk l-esperjenza ta' kooperativa hijiex pożittiva jew le, dawn diġa` jkunu qegħdin jikkompetu f'dak li huwa *business*? Ħalli nagħti eżempju biex dak li jkun jifhem iktar x'qed ngħid. Ejjew nieħdu l-kooperativa tal-*laundry*, li tieħu ħsieb il-*linen* ta' l-isptarijiet. Il-gvern kif qed jaħdem ma' din il-kooperativa; qed jagħtiha *direct order* biex tmexxi dan ix-xogħol hi jew inkella qed ipoġġiha fil-*contracts committee* u meta jintefgħu l-offerti jintgħażlu huma għax naturalment l-offerta tagħhom tkun l-iktar waħda vantaġġjuża għall-gvern? Huwa importanti li niċċaraw dan il-punt biex wieħed ikun jaf jekk din il-klawsola hijiex se tagħti r-riżultat li nixtiequ.

Jekk dawn il-kooperativi qed jingħataw *direct order*, allura dawn xorta waħda għadhom ma bdewx jesperjenzaw xi tfisser il-kompetizzjoni bil-konsegwenza li filwaqt li meta jkunu għadhom qed jiddeċiedu x'iridu, ikollhom ċerta impressjoni, u mbagħad meta jiddeċiedu li ma jibqgħux ħaddiema tal-gvern u jsiru ħaddiema ta' kooperativa u jsibu ruħhom fis-suq kompetittiv, isibu li l-istorja tkun ferm differenti. B'hekk dak il-perijodu taż-żmien li jkunu ngħataw biex matulu jiddeċiedu jekk jisseħbux f'kooperativa jew le ma jkun swiehom għal xejn. Forsi l-frażi "inkunu qarraqna bihom" hija goffa wisq, imma meta dawn jidħlu fis-suq kompetittiv jirrealizzaw li matul dak il-perijodu ta' żmien li jkunu ngħataw biex jieħdu d-deċiżjoni tagħhom ma jkunux esperjenzaw ir-realta`.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Biex inkompli bl-eżempju tal-kooperativa tal-*laundry* rrid ngħid li s-servizz li qed tagħti din il-kooperativa huwa importanti ħafna għall-gvern. Filwaqt li qabel is-servizz tal-*laundry* kien jingħata bħala parti mill-organizzazzjoni interna tax-xogħol tad-dipartiment tas-saħħa, illum il-ħaddiema li kienu jagħtu dan is-servizz ingħaqdu f'kooperativa, u jien informat li minn mindu twaqqfet din il-kooperativa, ir-riżultat finali qed ikun aħjar. Fil-fatt jirriżulta li l-livell ta' effiċjenza u l-kwalita` tas-servizz tjieb, u l-ħaddiema huma iktar kuntenti taħt il-kappa ta' kooperattiva, anke għaliex issa qed igawdu minn benefiċċji finanzjarji li qabel ma kinux igawdu minnhom. Sal-lum m'hemm l-ebda ħsieb li dan ix-xogħol ma jibqax jingħata lill-kooperativa tal-*laundry* u jingħata lil kooperativi oħrajn permezz ta' *open tender*, għalkemm fit-teorija dan dejjem huwa possibbli. Ta' min jgħid ukoll li fis-sistema m'hemm xejn xi jżomm lill-kooperativa milli hi nnifisha titfa' *tenders* għal xogħlijiet oħra. (Interruzzjonijiet)

Fil-fatt Dr Godfrey Baldacchino, li huwa preżenti f'dan il-kumitat, qed jgħidli li din il-kooperativa partikolari, li twaqqfet sentejn ilu, diġa` tefgħet *tenders* għal xogħlijiet oħra, rebħet xi kuntratti u llum qiegħda tagħmel dawn ix-xogħlijiet ukoll. Ovvjament li kieku dawn il-ħaddiema baqgħu mal-gvern u ma sseħbux f'kooperativa, dan ma setgħux jagħmluh. Issa meta jasal iż-żmien il-ħaddiema ta' din il-kooperativa jridu jiddeċiedu jekk jibqgħux f'din il-kooperativa jew inkella jmorrux lura għax-xogħol li kienu jagħmlu qabel mal-gvern. F'xi ħin jew ieħor, din id-deċiżjoni trid tittieħed, u jien persważ li meta jasal dak il-mument il-ħaddiema, wara li jkunu ħadu ċerti pariri u għaddew minn din l-esperjenza, se jieħdu l-aħjar deċiżjonijiet.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Coleiro.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Xorta waħda għadni xettika, u qed nitkellem b'dan il-mod għax nibża' li l-messaġġ li jkun qed jingħata jkun mod u mbagħad attwalment ir-realta` tkun oħra. Sal-lum għad hemm il-konswetudini li x-xogħol tal-*linen* ta' l-isptarijiet jingħata lil din li qed insejħulha kooperativa - għax s'issa għadha ma saritx kooperativa fil-veru sens tal-kelma - u qed ngħidu li din għandha wkoll il-faċilita` li titfa' *tenders* għal xogħlijiet oħra.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Ma rridux ninsew ukoll li s'issa din il-kooperativa qed tuża l-makkinarju tal-gvern.

**DR GODFREY BALDACCHINO:** Fil-fatt sal-lum din il-kooperativa qed tuża kemm l-*equipment* kif ukoll post tal-gvern, pero` qed isir *repayment programme* biex jekk dawn il-ħaddiema jiddeċiedu li jibqgħu mseħbin f'din il-kooperativa, f'medda ta' 15-il sena l-*equipment* isir kompletament tagħhom.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Jiġifieri dawn il-ħaddiema għandhom ċerta għajnuna wkoll. Vantaġġi minn dejjem kellhom il-kooperativi, pero` l-biża' tiegħi hija li se jiġri bħal dak li ġara fil-każ tal-*public cleansing cooperative*. Sfortunatament ħafna drabi l-messaġġi li jagħti l-gvern, hu min hu l-gvern, m'humiex il-messaġġi proprja li rridu nwasslu biex il-membri tal-kooperativa jifhmu li jridu jitħabtu biex jakkwistaw kuntratti ta' xogħlijiet u li l-fatt li huma mseħbin f'kooperativa ma jfissirx neċessarjament li se jieħdu dejjem dak li jridu, għax inkella se jiġri bħalma ġara madwar sena jew sena u nofs ilu meta kien inqala' dak l-għagħa kollu fuq il-kooperativa ta' l-indafa pubblika. Issa hawnhekk jien qed insemmi lill-kooperativa ta' l-indafa pubblika biss bħala eżempju, jiġifieri m'iniex se nidħol fil-problemi li għandha din il-kooperativa.

Il-membri tal-kooperativa ta' l-indafa pubblika fehmu - u huma ma fehmux dan b'kumbinazzjoni imma għax hekk qed jasal għandhom il-messaġġ - li għax huma mseħbin f'kooperativa, dan ifisser li għandhom dritt jirbħu kull offerta għal tindif jew għal ġbir ta' skart huma, u dan minkejja l-fatt li llum spuntaw kooperativi oħra u numru ta' kumpanniji privati f'dan il-qasam. Huwa veru li s-servizz li qed jingħata l-gvern mill-kooperativi huwa aħjar minn qabel. Per eżempju, illum il-lożor ta' l-isptar m'għadekx tarahom b'kull tebgħa daqshiex minkejja li jkunu għadhom ħerġin mill-*cupbooard*, jiġifieri l-pajjiż qed jieħu *return* għal dan it-tip ta' *set-up*, pero` rridu noqogħdu attenti li ma nwaqqfux dawn il-kooperativi biex iservu bħala *stopgap* biex isolvulna l-problemi tal-mument.

Aħna rridu li jkollna kooperativi li jidħlu fis-suq kompetittiv. *We have to be very clear about this* għax inkella l-kooperativi li qed jitwaqqfu se jibdew jiffunzjonaw bl-istess mentalita` tal-kooperativa tal-*public cleansing*. M'iniex qed ngħid li l-każ tal-kooperativa tal-*public cleansing* ġara kollu minħabba f'hekk, pero` l-biċċa l-kbira tat-tort li ġara dak li ġara fir-rigward tal-kooperativa hija li l-messaġġ li wasal għand din il-kooperativa kien li hi se jkollha dritt tiġi magħżula għal kull kuntratt ta' ndafa pubblika jew ta' ġbir ta' l-iskart, u dan minkejja, kif għedt diġa`, li llum spuntaw entitajiet oħra li qed jikkompetu f'dan is-suq. Il-membri tal-kooperativa dwar l-indafa pubblika jridu jifhmu li kemm issa kif ukoll fil-futur, dejjem se jsibu entitajiet oħra li jkunu lesti jikkompetulhom.

Jekk mhux se jifhmu din, allura dawn se jkunu daqu biss l-idea ta' kooperativa u ma jkunux daqu l-esperjenza ta' kooperativa fil-veru sens tal-kelma, ċioe` li tkun qed tikkompeti f'suq kompetittiv. *We*

*have to be extremely careful about this* għax inkella l-kooperativi li qed jitwaqqfu llum se jkollhom falliment assolut wara biss ftit jiem li jkunu twaqqfu. Issa għandna niddiskutu klawsola 40 fid-dettal meta naslu għaliha għax qed nara li wara l-affarijiet hemm ċerti prinċipji u filosofiji li rridu nistħarrġuhom tajjeb qabel ma nagħżlu triqitna. *To be honest*, ma jien kuntenta assolutament xejn b'dan li qed ngħidu hawnhekk għax filwaqt li naqbel li l-kooperativi għandhom jingħataw forma legali u li permezz ta' dan l-abbozz ta' liġi, il-kooperativi se jkunu f'qagħda aħjar, min-naħa l-oħra qed nibża' li dawn il-kooperativi qed jinħolqu biex iservu ta' *stopgap* u għada pitgħada se jsibu ruħhom fil-fondoq li sab ruħu fih ħaddieħor minħabba li ma fehemx għal xiex dieħel eżattament.

**THE CHAIRMAN:** Il-Viċi Prim Ministru.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Onor. Coleiro, f'din il-klawsola m'aħna qed nagħmlu xejn minn dan kollu imma qegħdin sempliċiment ngħidu li huwa possibbli li tagħti reġistrazzjoni proviżorja għal dawn it-tip ta' kooperativi u li b'differenza ta' kooperativi oħra, it-terminu ta' żmien ta' reġistrazzjoni proviżorja jisa' jkun itwal. Hawnhekk dan hu kulma qegħdin ngħidu.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Hawnhekk m'għandna speċifikat l-ebda terminu, jiġifieri nassumi li dan se jkun dejjem soġġett għall-bord u għall-ministru.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Peress li dawn it-tip ta' kooperativi huma tal-gvern, it-terminu ta' żmien jistabbilih il-gvern.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Jiġifieri Ia m'hemm l-ebda terminu stabbilit, it-terminu taż-żmien huwa indefinit.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le, l-intenzjoni ma tistax tkun li t-terminu taż-żmien ikun indefinit ġaladarba r-reġistrazzjoni hija proviżorja.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** L-intenzjoni le, imma fil-verita` t-terminu ta' żmien jista' jkun indefinit.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Nittama li ma jiġrix hekk. Dan il-punt diġa` tkellimna fuqu meta konna qed niddiskutu klawsoli oħrajn, u niftakar li konna għamilna din il-mistoqsija: Għandna nagħmlu giljottina għal dawn l-esperjenzi, li jsiru fi ħdan il-gvern? U niftakar li kien hemm min qal li rridu nagħmlu giljottina, jiġifieri dawn il-ħaddiema, wara sena jew sentejn, iridu jieħdu deċiżjoni jekk jibqgħux imseħbin f'kooperativa jew le.

Huwa veru li f'xi mument id-deċiżjoni trid tittieħed, pero` fl-opinjoni tiegħi, meta tikkonsidra kollox, issib li din hija esperjenza pożittiva li qed tagħti ċans li ssir il-bidla kbira minn konċett ta' ħaddiem tal-gvern għal konċett ta' kooperativa. Għalhekk naħseb li m'huwiex *wise* li noqogħdu nagħmlu l-giljottini biex imbagħad dawn ipoġġulna l-mażżri ma' saqajna u ma jagħtuniex il-flessibbilta` meħtieġa. Aħna hawnhekk ħallejna ċertu spazju biex nagħtu ċans lill-kooperativi li jagħmlu reġistrazzjoni proviżorja għal perijodu ta' żmien, pero` rrid nenfasizza l-kelma "proviżorja" għax finalment id-deċiżjoni trid tittieħed, u trid tittieħed b'mod permanenti.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Chircop.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Nixtieq nagħmel mistoqsija dwar il-perijodu tranżitorju. Dan il-perijodu se jkun *standard* għall-kooperativi kollha jew jista' jvarja minn kooperativa għal oħra?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Ma naħsibx li l-perijodu tranżitorju għandu jkun *standard* għall-kooperativi kollha, u dan għax minħabba li ċerti setturi huma iktar riskjużi minn oħrajn, allura f'dawk il-każijiet ikun hemm bżonn perijodu itwal. Għalhekk aħna għażilna li ma nintrabtux b'perijodu *standard* għall-kooperativi kollha imma għażilna li dan il-perijodu jkun ivarja skond iċ-ċirkostanzi.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Ħalli nagħmillek mistoqsija oħra. Jekk waqt dan il-perijodu tranżitorju jkun hemm membri tal-kooperativa li jerġa` jibdielhom u jkunu jridu jerġgħu jmorru jaħdmu mal-gvern - fil-fatt uffiċjalment huma jkunu għadhom impjegati tal-gvern - huma jkunu jistgħu jagħmlu dan, allavolja l-perijodu tranżitorju jkun għadu m'għaddiex? U f'dak il-każ, dawn il-ħaddiema se jkollhom il-garanzija li jerġa` jinstabilhom impjieg fi ħdan id-dipartimenti tal-gvern?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Ir-risposta hija "iva". Fil-fatt safejn naf jien l-iskema stess tgħid li f'dak il-każ, wieħed jista' jerġa` lura għall-impjieg li kellu qabel.

**DR GODFREY BALDACCHINO:** Is-sigurta` ta' l-impjieg hija importanti ħafna.

**THE CHAIRMAN:** Iktar rimarki, jekk jogħġobkom? (Onor. Membri: *No*) Il-mistoqsija hi l-emenda kif imressqa u moqrija mill-Viċi Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "T" għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hi klawsola 29 kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 29, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 30 -** Ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

***Clause 30 -*** *Certificate of registration.*

**THE CHAIRMAN:** Il-Viċi Prim Ministru.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, klawsola 30, li hija meħuda minn artiklu 21 tal-liġi eżistenti, titkellem fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni u tgħid li dan iċ-ċertifikat iservi ta' evidenza biżżejjed biex juri li kooperativa hija reġistrata.

**THE CHAIRMAN:** Iktar rimarki, jekk jogħġobkom? Il-mistoqsija hi klawsola 30. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 30 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 31 -** Enti legali.

***Clause 31 -*** *Legal entity.*

**THE CHAIRMAN:** Rimarki? Il-Viċi Prim Ministru.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, klawsola 31 hija l-ewwel klawsola li hemm taħt Taqsima IV, intitolata "Organizzazzjoni u Dmirijiet ta' Soċjetajiet". Ta' min jgħid li din il-klawsola hija kważi meħuda kelma b'kelma minn artiklu 22 tal-liġi eżistenti u tistabbilixxi l-personalita` legali tal-kooperativa.

**THE CHAIRMAN:** Iktar rimarki, jekk jogħġobkom? (Onor. Membri: *No*) Il-mistoqsija hi klawsola 31. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 31 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 32 -** Difetti.

***Clause 32*** **-** *Defects.*

**THE CHAIRMAN:** Il-Viċi Prim Ministru.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, klawsola 32, li hija meħuda minn artiklu 23 tal-liġi eżistenti, tittratta r-relazzjoni ta' kooperativi *vis-a-vis* terzi persuni f'każ li jkun hemm xi difett fil-kostituzzjoni tal-kooperativi.

**THE CHAIRMAN:** Iktar rimarki, jekk jogħġobkom? (Onor. Membri: *No*) Il-mistoqsija hi klawsola 32. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 32 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 33** **-** Formazzjoni ta' soċjetajiet sekondarji jew terzjarji jew organizzazzjoni Apex.

***Clause 33*** **-** *Formation of secondary or tertiary societies or Apex organisation.*

**THE CHAIRMAN:** Il-Viċi Prim Ministru.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, għal klawsola 33 għandi din l-emenda:

"U" Klawsola 33 għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) minflok in-nota marġinali tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

"Formazzjoni ta' soċjetajiet sekondarji jew terzjarji jew kumpanniji sussidjarji."; u

(2) fis-subklawsola (1) tagħha, minflok il-kliem "terzjarji u l-organizzazzjoni *Apex*." għandhom jidħlu l-kliem "terzjarji u kumpanniji sussidjarji.";

"U" *Clause 33 shall be amended as follows:*

*(1) for the marginal note thereto, there shall be substituted the following:*

*"Formation of secondary or tertiary societies or subsidiary companies."; and*

*(2) in subclause (1) thereof, for the words "societies and the Apex organisation.", there shall be substituted the words "societies and subsidiary companies."*

Sur President, din il-klawsola tittratta dwar il-formazzjoni ta' dak li l-liġi tispeċifika bħala kooperativi sekondarji u terzjarji, jiġifieri kooperativi magħmulin f'kooperativi oħra, kif ukoll il-kunċett il-ġdid li dieħel bil-liġi tal-kumpanniji sussidjarji. Hawnhekk insibu l-*interphase* li semmejna meta konna qegħdin fl-istadju tat-Tieni Qari, liema *interphase* qiegħed bejn dan l-abbozz ta' liġi u bejn l-emendi u t-tibdiliet li qed iseħħu fir-realta` ekonomika f'dak li għandu x'jaqsam ma' soċjetajiet kummerċjali f'pajjiżna.

**ONOR. HELEN D'AMATO:** L-emenda li għadek kemm qrajt qed temenda l-*marginal note* ta' din il-klawsola u subklawsola (1), hux hekk?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Iva, għax bi żball hemmhekk hemm riferenza għall-*Apex organisation*. Issa l-*Apex organisation* m'hijiex ikkonsidrata bħala kooperativa terzjarja u qiegħda tiġi ttrattata f'kapitlu speċifiku tal-liġi. Għalhekk hawn qiegħda titneħħa r-riferenza għal din l-organizzazzjoni.

F'subklawsola (1) qed inneħħu r-riferenza għall-*Apex organisation* u minflok qed indaħħlu l-kliem "kumpanniji sussidjarji", jiġifieri jista' jkollok kumpannija sussidjarja li x-*shareholder* tagħha tkun il-kooperativa. (Interruzzjonijiet) L-Onor. Chircop qed jirriferini għal subklawsola (3), fejn hemmhekk

ukoll hemm riferenza għall-*Apex organisation*, u qed jistaqsini jekk din is-subklawsola għandhiex ittir minn hemm. (Interruzzjonijiet) Jekk kooperativa twaqqaf hi stess kooperativa oħra tkun qed tagħmel il-formazzjoni ta' l-*Apex organisation* iktar diffiċli, allavolja ma tantx huwa possibbli li jiġi mwettaq dan l-abbuż minħabba li jkun irid jgħaddi mill-proċess tal-bord. Imma nsomma, ejjew nieħdu t-teorija. Kooperativa tista' twaqqaf tużżana kooperativi oħrajn u tkun membru f'kull waħda minnhom, imma peress li biex twaqqaf *Apex organisation* irid ikollok maġġoranza ta' soċjetajiet primarji, sekondarji jew terzjarji, jekk jidħlu f'din l-organizzazzjoni soċjetajiet sekondarji u terzjarji tista' tagħmilha impossibbli li … (Interruzzjonijiet) Għalhekk naħseb li subklawsola (3) għandha tiġi *deleted.*

**DR GODFREY BALDACCHINO:** Pero` rridu nkunu ċerti li m'aħniex neskludu li soċjeta` sekondarja jew terzjarja tista' ssir membru ta' l-*Apex organisation.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Għal skop ta' kwalifika l-organizzazzjoni *Apex* tikkalkola s-soċjetajiet primarji biss, pero` mbagħad anke l-kooperativi sekondarji u terzjarji jistgħu jkunu membri ta' l-*Apex*. (Interruzzjonijiet) Mela ħalli nerġa` nipproponi emenda "U" u nżid paragrafu fejn ngħid li subklawsola (3) għandha titħassar minn klawsola 33.

Sur President, għal klawsola 33 nipproponi din l-emenda:

"U" Klawsola 33 għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) minflok in-nota marġinali tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

"Formazzjoni ta' soċjetajiet sekondarji jew terzjarji jew kumpanniji sussidjarji.";

(2) fis-subklawsola (1) tagħha, minflok il-kliem "terzjarji u l-organizzazzjoni *Apex*." għandhom jidħlu l-kliem "terzjarji u kumpanniji sussidjarji."; u

(3) is-subklawsola (3) tagħha għandha titħassar.

"U" *Clause 33 shall be amended as follows:*

*(1) for the marginal note thereto, there shall be substituted the following:*

*"Formation of secondary or tertiary societies or subsidiary companies.";*

*(2) in subclause (1) thereof, for the words "societies and the Apex organisation.", there shall be substituted the words "societies and subsidiary companies."; and*

*(3) subclause (3) thereof shall be deleted.*

Issa rridu niddiskutu ftit il-pożizzjoni preċiża għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-*Apex organisation* ma' Dr Fabri. F'dan il-mument qegħdin ngħidu li biex organizzazzjoni tikkwalifika li tiġi reġistrata bħala *Apex organisation*, trid turi li l-maġġoranza tal-kooperativi li għandha huma primarji, pero` dan ma jfissirx li l-kooperativi sekondarji u terzjarji ma jistgħux isiru membri ta' din l-organizzazzjoni wkoll. Għalhekk x'aktarx subklawsola (3) trid tiddaħħal fi klawsola 106, li se niddiskutuha iktar 'il quddiem.

**ONOR. HELEN D'AMATO:** Allura jekk qed nifhem tajjeb, subklawsola (3) m'hijiex se tiġi *deleted* kompletament imma se tiddaħħal fi klawsola 106.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Hekk hu, għax ingħatajna l-parir minn Dr Fabri li ndaħħlu din is-subklawsola taħt il-kapitlu li jittratta dwar l-*Apex organisation.*

**ONOR. HELEN D'AMATO:** Imma ġaladarba hawn aħna qed nitkellmu dwar l-organizzazzjoni u d-dmirijiet ta' dawn is-soċjetajiet, inti ma tħossx li din is-subklawsola għandha tiddaħħal taħt din it-taqsima?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le, għax din is-subklawsola qed titkellem dwar il-*membership of an Apex organisation* u mhux dwar l-organizzazzjoni u d-dmirijiet tas-soċjetajiet. Irrid infakkar li qabel il-liġi ma kellhiex kapitlu speċifikatament għall-*Apex organisation*, imma wara diskussjonijiet li kellna ddeċidejna li niddedikaw kapitlu apposta għall-*Apex organisation.*

**ONOR. HELEN D'AMATO:** Imma jien ta' l-opinjoni li din is-subklawsola tibqa' għaliha u mhux tingħaqad ma' xi subklawsola jew klawsola oħra għax inkella tintilef.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Jien hekk naħseb ukoll, pero` soġġett għall-pariri.

**ONOR. EDWIN VASSALLO (Segretarju Parlamentari):** Ikun tajjeb jekk meta tkunu qed tiddiskutu din l-*issue* internament taraw jekk tridux li l-*Apex organisation* tkun magħmula biss mis-soċjetajiet primarji, li huma l-*mother companies*, għax jekk se jkun hemm ukoll soċjetajiet sekondarji u terzjarji jista' jkollok xi tip ta' influwenza minn ċerti kooperativi għax naturalment aħna ma nafux kif se jmur in-negozju għada pitgħada fl-*Apex organisation*. Jekk l-*Apex organisation* tkun magħmula biss minn kooperativi primarji, dawn isiru iktar b'saħħithom tant li jibdew jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ta' l-*Apex organisation through* l-kooperativi sekondarji jew terzjarji li jista' jkollhom. Għaldaqstant ikun tajjeb jekk wieħed jiddiskuti wkoll x'jista' jkun l-effett fl-organizzazzjoni *Apex* jekk kemm-il darba jkun hemm soċjetajiet primarji bis-soċjetajiet sekondarji jew terzjarji affiljati magħhom fi ħdanha.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Dan il-kapitlu għad irridu nidħlu fih f'ħafna iktar dettal. L-unika ħaġa li rrid ngħid f'dan l-istadju hija li l-liġi se tirregola kif tista' tirreġistra ruħek bħala *Apex* bi dritt, imma mbagħad hija l-organizzazzjoni nnifisha li tiddetta r-regolamenti tagħha. Fi kliem ieħor, il-liġi m'hijiex se timponi regolamenti fuq l-*Apex organisation* għax m'għandha l-ebda setgħa li tagħmel dan, u lanqas għandu jkollha dik is-setgħa.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** L-*Apex organisation* hija *self-regulating and it is an autonomous and a legal entity in itself.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Hekk hu, imma hawn irridu ngħidu wkoll li teżisti *benchmark*. Biex organizzazzjoni tirreġistra ruħha bħala *an Apex organisation* u biex din is-soċjeta` tiġi rikonoxxuta fuq livell nazzjonali bħala *an APEX organisation* u tingħata ċerta statura, din l-organizzazzjoni trid turi li għandha fi ħdanha l-maġġoranza tas-soċjetajiet primarji. *That is all.* Madanakollu m'hemm xejn xi jżomm lil organizzazzjoni li tkun membru ta' l-*Apex organisation*. Fil-fatt jien għandi dubju ta' kemm subklawsola (3) għandna nispostjawha x'imkien ieħor għax din qed tobbliga organizzazzjoni li jkollha fi ħdanha soċjetajiet terzjarji. Forsi organizzazzjoni tiddeċiedi li ma tridx li jkollha soċjetajiet terzjarji fi ħdanha.

**ONOR. EDWIN VASSALLO:** Prosit! Fil-fatt subklawsola (3), li issa qed tiġi eliminata, kienet qed tirrestrinġi lill-*APEX organisation.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le, dan m'huwiex il-każ għax f'subklawsola (3) hemm miktub "*may*" u mhux "*shall*", u għalhekk hija l-*Apex organisation* li tiddeċiedi tridx tkun miftuħa għas-soċjetajiet sekondarji u terzjarji wkoll. Naħseb li l-konċett dan għandu jkun, pero` nissuġġerixxi lill-Kumitat biex nomogħdu din is-subklawsola ftit iżjed ħalli nkunu nistgħu naraw l-implikazzjonijiet tagħha. Hekk jew hekk imbagħad se nerġgħu nagħmlu riferenza għal din il-klawsola meta niġu għat-taqsima li titkellem dwar l-*Apex organisation*.

**THE CHAIRMAN:** Iktar rimarki, jekk jogħġobkom? (Onor. Membri: *No*) Il-mistoqsija hi l-emenda kif imressqa u moqrija mill-Viċi Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "U" għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hi klawsola 33 kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 33, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 34 -** Reġistrazzjoni ta' l-istatut.

***Clause 34 -*** *Statute to be registered.*

**THE CHAIRMAN:** Rimarki? Il-Viċi Prim Ministru.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, klawsola 34, li titkellem dwar ir-reġistrazzjoni ta' l-istatut, qed tirriferi għat-Tieni Skeda, u allura meta ngħaddu din il-klawsola nkunu qed ngħaddu wkoll it-Tieni Skeda. Għal klawsola 34 se naqra din l-emenda:

"V" It-Tieni Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-paragrafu 10 tagħha, minflok il-kliem "il-valur ekwu" għandhom jidħlu l-kliem "il-valur nominali";

(b) minflok il-paragrafu 21 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

"21. Jekk jitqies li jkun hekk adatt, regoli li jiddistingwu bejn membri attivi u membri mhux attivi għar-rigward tal-kwalifika għas-sħubija fis-soċjeta` u ta' kull ħaġ'oħra li jkollha x'taqsam ma' dan.";

(c) minflok il-paragrafu 32 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

"32. Restrizzjonijiet fuq membri għar-rigward tas-sħubija f'soċjetajiet oħra li jkollhom skopijiet li jkunu l-istess jew li jixxiebħu jew għar-rigward ta' attivitajiet li jsiru b'kompetizzjoni ma' l-attivitajiet tas-soċjeta`."; u

(d) minnufih wara l-paragrafu 35 tagħha, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"36. Jekk jitqies li jkun hekk adatt, il-provvediment għall-ħtieġa tat-tieni laqgħa ġenerali biex tiġi konfermata riżoluzzjoni għax-xoljiment tas-soċjeta`.".

"V" *The Second Schedule shall be amended as follows:-*

*(a) in paragraph 10 thereof, for the words "the fair value", there shall be substituted the words "the nominal value";*

*(b) for paragraph 21 thereof, there shall be substituted the following:*

*"21. If deemed appropriate, rules distinguishing between active members and non-active members in relation to the qualification for membership of the society and any other matters related thereto .";*

*(c) for paragraph 32 thereof, there shall be substituted the following:*

*"32. Restrictions on members in relation to membership in other societies having the same or similar objects or in relation to activities carried out in competition with those of the society."; and*

*(d) immediately after paragraph 35 thereof, there shall be added the following new paragraph:*

*"36. If deemed appropriate, the provision for requiring a second general meeting to confirm a resolution for the dissolution of the society.".*

L-ewwel ħaġa li qed nemendaw huwa paragrafu 10 tat-Tieni Skeda. Fit-Tieni Skeda m'hawnx imniżżla l-aspetti kollha, pero` dawk li hemm imniżżla huma l-*basics* ta' l-istatut, u fil-fatt dawn bilfors għandhom jiġu rregolati fl-istatut ta' soċjeta` kooperativa. Paragrafu 10 jgħid hekk:

"*The conditions in which a member may withdraw from membership, including the procedure whereby the fair value of the shares held by a withdrawing member shall be calculated, and any other rules relating to the redemption of shares.*",

jiġifieri jrid ikun hemm imniżżel kif jiġi kkalkolat il-valur ekwu tax-*shares* ta' membru li jkun qed jiddeċiedi li jirtira minn sħubija fil-kooperativa. Issa qed nagħmlu emenda biex minflok il-kelma "ekwu" tiddaħħal il-kelma "nominali", u għalhekk il-proċedura li għandu jkun hemm stabilita fl-istatut għandha tkun proċedura li permezz tagħha, kulħadd ikun jaf kif jiġi stabilit il-valur nominali ta' dak is-sehem li jkollu individwu li jkun qed jiddeċiedi li jirtira minn dik il-kooperativa.

Forsi hawn wieħed jistaqsi x'inhi d-differenza bejn *fair value* u valur nominali. Jekk qed nifhem tajjeb - issa Dr Baldacchino jikkoreġini teknikament - valur nominali huwa dak il-valur li jirriżulta mill-kotba, mill-*accounts* u mill-*balance sheets* tal-kooperativa.

**DR GODFREY BALDACCHINO:** B'valur nominali qed ngħidu li jekk, per eżempju, membru daħħal *share* ta' Lm5, se jibqagħlu Lm5 bħala valur nominali. Għaliex? Għax il-gwadann tas-sħubija tiegħu fil-kooperativa m'huwiex riżultat tax-*share* imma huwa riżultat tal-ħidma li jkun għamel fil-kooperativa.

Matul is-snin ingħataw diversi interpretazzjonijiet dwar x'ifissru l-kliem "valur ekwu", u għalhekk huwa tajjeb li niċċaraw dan il-punt. Wara li ħadna parir minn esperti barranin irriżultalna li l-valur tax-*shares* tal-kooperativa dejjem għandu jkun valur nominali għax filwaqt li f'*limited liability company* l-valur tiegħek isir iktar rikk skond kemm jiġi pprezzat il-valur tax-*share*, fil-każ ta' kooperativa l-konċett huwa differenti; il-valur jiġi pprezzat skond il-ħidma li inti tkun investejt fil-kooperativa. Għalhekk aħna ma rridux inwaqqfu kooperativa bħala organizzazzjoni għal skop ta' lukru għax inkella nitilfu l-iskopijiet kollha.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Coleiro.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Jien qed nifhem il-punt ta' Dr Baldacchino u nqisu bħala prinċipju fundamentali għat-twaqqif ta' kooperativa, pero` bir-rispett kollu, ma nistax nifhem kif qed noħorġu b'dan il-prinċipju għal ħaġa bħal din. L-ewwelnett kooperativa ma titwaqqafx għall-profitt imma titwaqqaf għall-individwu biex tipprovdilu livell ta' għajxien tajjeb. Ħalli nġib eżempju tanġibbli. Kif nafu, f'pajjiżna jeżistu kooperativi li ilhom imwaqqfa għal xi 50 sena, u fost dawn nista' nsemmi lill-kooperattiva tal-bdiewa, li kienet waħda mill-pijunieri. Fil-fatt probabbli l-membri li hemm f'dawn il-kooperativi llum huma t-tfal ta' dawk li welldu l-kooperativi, li bdew billi ħallsu xi Lm1 għal kull *share*, jekk kienu ħallsu Lm1 għal kull *share* dak iż-żmien għax il-Bambin biss jaf kemm kien il-valur ta' Lm1 50 sena ilu! Biex komplew jaħdmu f'dan il-mestier dawn żgur li nvestew *over the years* għax kieku l-kooperativi spiċċaw.

Għalhekk jien ma nistax nifhem kif wara dan kollu, illum qed ngħidu li jekk in-nannu kien joħroġ 50ċ bħala ħlas għas-sehem tiegħu fil-kooperativa, wara 50 sena l-ħlas baqa' dak ta' 50ċ bil-konsegwenza li jekk xi bidwi li m'għandux tfal biex ikomplu jġorru l-mestier tiegħu *wants to call it a day* għax forsi

weġġa' dahru, aħna ngħidulu li se jieħu biss dawk il-50ċ li kien iħallas missieru u niġu naqgħu u nqumu mill-investiment kollu li dan ikun għamel tul dawk il-50 sena. Din jien xejn ma naraha ġusta u qed nara li hawnhekk lill-membri tal-kooperativi qed ngħidulhom li se nikkastigawhom minħabba li daħlu f'kooperativa. Żgur li min ikollu l-intenzjoni li jidħol f'kooperativa ma joqgħodx jara x'se jieħu lura mill-investiment li jkun għamel jekk joħroġ minn din il-kooperativa. (Interruzzjonijiet) Appuntu. Min ikun għadu dieħel f'kooperativa, anke jekk ma jkunx qed jifhem eżattament il-*fundamentals* ta' kooperativa, żgur li jkun qed jifhem li jkun dieħel f'kooperativa għall-appoġġ ta' wieħed ma' l-ieħor, u forsi dik hija l-iktar ħaġa fundamentali li tiftiehem mill-membri tal-kooperativi. Għalija hawnhekk qegħdin nagħmlu inġustizzja *and I feel very bad about it.*

**ONOR. EDWIN VASSALLO:** Jiġifieri, Onor. Coleiro, inti ta' l-opinjoni li jekk, per eżempju, jien se noħroġ minn kooperativa għandi ningħata l-interessi fuq ix-*share* nominali li ħallast meta dħalt fl-istess kooperativa?

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Hemm familji li bbażaw l-investiment tagħhom fuq dawn il-kooperativi.

**ONOR. EDWIN VASSALLO:** Għandek raġun, imma jiġifieri inti qed tgħid li jekk jien noħroġ mill-kooperativa wara 50 sena, minbarra li għandi nieħu dak li investejt, għandi nieħu l-interessi wkoll fuq dak li nkun investejt?

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Issa hawnhekk irrid nagħmilha ċara li jiena m'iniex qed nagħlaq għajnejja għas-sitwazzjonijiet li kooperativa tista' tiffaċċja, u fil-fatt naqbel li għandhom isiru ċerti *safeguards* biex ma jkunx hemm sfruttar. Ħalli nġib eżempju fittizju biex niftiehem ħalli ma jkunx hemm xi ħadd li jaħseb li qed nirriferi għal xi każ partikolari. Għall-grazzja ta' l-argument, ejjew ngħidu li jiena għandi *hearse* li jġorr il-mejtin u niddeċiedi li nieqaf milli nibqa' f'dan il-mestier. *It's not fair* li nbigħ il-liċenzja għall-użu ta' dan il-*hearse* b'eluf ta' liri, imma min-naħa l-oħra m'huwiex *fair* lanqas li wara li ġenerazzjoni wara l-oħra tkun iddedikat saħħitha, l-investiment tagħha u ħajjitha għal dawn il-kooperativi, imbagħad fl-aħħar tispiċċa tieħu xi Lm50 ! *I think that this is very extrapolated in a way that it does not make sense.*

**DR GODFREY BALDACCHINO:** Dan huwa konċett importanti ħafna u jkun aħjar jekk nispjegawh sew. Ix-*share* huwa biss *entry ticket* biex wieħed jidħol f'kooperativa. Dment li ssir membru ta' kooperativa, inti tibda tgawdi l-benefiċċji kollha tas-sħubija, imma hekk kif ma tibqax membru ta' kooperativa, awtomatikament titlef dawk il-benefiċċji kollha. Dak huwa l-ewwel punt li ridt nagħmel.

It-tieni punt huwa li jeżistu forom oħra ta' kif kooperativa, jekk tkun sejra tajjeb, tista' twassal għal apprezzament tax-*share*. Fil-liġi stess hemm skema, li jgħidulha *bonus share*, fejn inti ... Fil-fatt kienu l-membri tal-kooperativa tal-ħalib stess li ħolqu din l-iskema. Jekk wieħed jaqbad l-assi li għandhom il-200 membru tal-kooperativa tal-ħalib u jaqsamhom bejniethom, kull wieħed minnhom kważi jsir miljunarju, imma x-*share* huwa biss ta' Lm1 u jekk il-bidwi joħroġ minn din il-kooperativa, huwa se jieħu biss il-Lm1 tiegħu lura. Allura x'għamlu l-membri tal-kooperativa tal-ħalib? Ħolqu skema ta' *bonus share* fejn mal-Lm1 li kienet investita oriġinarjament ġew miżjuda Lm999 oħra b'tali mod li l-valur tax-*share* ġie jammonta għal Lm1,000 minflok għal Lm1. (Interruzzjonijiet) Imma dak li jkun xorta Lm1,000 se jieħu miegħu meta jirtira mill-kooperativa. M'hux se jieħu iktar għax l-iskop huwa li inti tgawdi dment li tkun membru u mhux li tgawdi f'dak li hu investiment.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Ħalli nagħmillek parentesi, jekk ma jimpurtax. Hawnhekk inti qed issemmi *a success story*, u din hija *a success story* minħabba li l-kooperativa ilha bil-monopolju minn kemm ilha mwaqqfa, pero` rridu niftakru li mhux kull kooperativa hija *a success story.* Madanakollu jekk kooperativa ma tkunx *a success story*, dan ma jfissirx li l-membri ta' din il-kooperativa għandhom ibatu minn ċerti affarijiet. Għalhekk filwaqt li l-eżempju li ġibtilna int, Dr Buhagiar, iġibilna iktar tanġibbilta` fl-argument, dan l-eżempju ma nistgħux napplikawh għall-kooperativi l-oħra kollha.

**THE CHAIRMAN:** Onor. Membri, niġbdilkom l-attenzjoni li dan il-kumitat se jiġi sospiż minħabba sejħa għal votazzjoni fil-Kamra.

*Fit-8.32 p.m. il-Kumitat ġie sospiż minħabba sejħa għal votazzjoni fil-plenarja u rriżuma fit-8.50 p.m*

**Klawsola 34** **-** Reġistrazzjoni ta' l-istatut. (Kont.)

***Clause 34 -*** *Statute to be registered. (Cont.)*

**THE CHAIRMAN:** Il-Viċi Prim Ministru.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Qabel ma dan il-kumitat ġie sospiż konna qed niddiskutu l-bidla li saret fejn minflok il-kliem "valur ekwu" ddaħħlu l-kliem "valur nominali". Ma' l-ispjegazzjoni li ta Dr Baldacchino nixtieq inżid li rridu nżommu quddiem għajnejna li hemm distinzjoni fundamentali bejn il-kooperativi u l-kumpanniji kummerċjali li għandhom responsabbilta` limitata jew inkella dawk il-kumpanniji li għandhom ix-*shares* fihom. Fil-fatt dawn iż-żewġ mudelli ekonomiċi huma differenti minn xulxin. Per eżempju, il-konċett ta' kooperativa ma jistax jitqiegħed fuq l-istess binarju ta' soċjeta` kummerċjali b'responsabbilta` limitata. F'soċjeta` kummerċjali b'responsabbilta` limitata hemm *share* ukoll, u dak ix-*share* ikollu valur li jiżdied jew jonqos skond l-assi, it-*turnover* u l-*goodwill* tal-kumpannija, liema valur ikun mogħti fuq *balance sheet.* Ara fil-każ ta' kooperativa dan m'huwiex il-każ.

Il-persuna li ssir membru ta' kooperativa tibbenefika minn ħafna affarijiet li x-*shareholder* f'kumpannija kummerċjali b'responsabbilta` limitata ma jibbenefikax minnhom. Per eżempju, ix-*shareholder* f'kumpannija kummerċjali b'responsabbilta` limitata m'għandux id-dritt awtomatiku li jieħu sehem minn dak il-profitt li jkun qed isir imma jkun irid isir proċess sħiħ li jistabilixxi jekk għandhomx jitħallsu *dividends* eċċ. eċċ. Għalhekk dak huwa proċess kompletament differenti. (Interruzzjonijiet) F'kooperativa l-konċett tat-tqassim tal-qligħ mill-prodotti li jiġu *produced* wara li dawn il-prodotti jgħaddu għand il-kooperativa biex din tkun tista' tbigħhom huwa kompletament differenti, u allura l-valur ...

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Imma bir-rispett kollu, Onor. Gonzi, m'għandniex nagħtu l-impressjoni li hija xi ħaġa awtomatika li wieħed jieħu d-*dividend* f'kooperativa. Hija l-konferenza ġenerali li tiddetermina x'jiġri u ma jiġrix. Ma rridux ninsew lanqas li l-kooperativa, tagħmel kemm tagħmel qligħ, hija tkun trid twarrab ċertu persentaġġ mill-qligħ biex dan imur għal fond ċentrali li kumpannija kummerċjali b'responsabbilta` limitata m'għandhiex. Għalhekk jekk irridu nagħmlu l-paraguni, għandna nagħmluhom *like with like*.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Ippermettili ftit, Onor. Coleiro. Anzi jien dan li qed ngħid li hawnhekk ma jistgħux isiru paraguni, u għax hawnhekk ma jistgħux isiru paraguni wieħed ma jistax iġib l-argument li f'kooperativa awtomatikament is-*share* ikollu ċertu valur, bħax-*shares* f'kumpannija b'responsabbilta` limitata.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Ħadd m'għamel dan il-paragun.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Mela fhimt ħażin jien.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Jiena personalment - għax kont jiena li qanqalt argument kuntrastanti għal dak li kien qed jintqal - fl-ebda waqt ma semmejt il-*limited liability companies*, u li għedt biss kien li filwaqt li l-argumenti li ġab Dr Baldacchino huma fundamentali għall-kooperativi - u hawn nista' nsemmi l-argument li ġab illi l-għan tal-kooperativa m'huwiex li tagħmel il-qligħ imma li tgħin lill-individwu, pero` m'iniex se noqgħod nidħol fil-filosofija tal-kooperativi għax dik hija xi ħaġa li nafuha lkoll - dan ma jfissirx li nistgħu nestrapolaw dik il-filosofija għal dak li qed nitkellmu fuqu hawnhekk. Għaliex? Għax kif semmejt diġa`, *over the years* il-membri ta' kooperativa jkunu investew u rriskjaw ukoll għax naturalment bħalma kien hemm żminijiet li kienu tajbin, kien hemm żminijiet oħra li kienu ħżiena.

Dawn huma fatturi li kollha trid teħodhom in konsiderazzjoni. Diġa` għedt li l-ebda individwu f'kooperativa ma jsir membru ta' kooperativa bil-ħsieb li jitlaq 'il barra biex imbagħad jagħmel *tapping* fuq il-profitti minħabba li l-valur tas-sehem tiegħu ikun sploda 'l fuq. Wara kollox l-ebda individwu ma jsir membru ta' kooperativa għax xi ħadd ikun qabdu minn għonqu u ġiegħlu jidħol f'kooperativa. Wieħed jagħżel li jsir membru ta' kooperativa u mhux ta' *limited liability company* minn rajh, u meta jagħmel hekk żgur li ma jkunx qed jaħseb li meta jiġi biex jispiċċa se jagħmel xi kapital kbir. B'dan l-argument qed nattakka l-fatt li kooperativa m'hijiex qiegħda hemm għall-qligħ, pero` min-naħa l-oħra qed naraha inġusta ħafna li wara li ġenerazzjoni wara l-oħra tkun investiet f'kooperativa - u l-ewwel jiena għalhekk ġibt l-eżempju ta' kooperativa tal-bdiewa; għax dawn huma l-iktar kooperativi antiki li jeżistu - u naħseb li jkunu għaddew xi tliet ġenerazzjonijiet, għax bidwi jweġġa' dahru u ma jkunx jiflaħ jibqa' jaħrat l-għalqa, jieħu biss il-50ċ li jkun ħareġ nannuh meta sar membru tal-kooperativa.

Dr Baldacchino għamel argument tajjeb meta qal li l-membri tal-kooperativa tal-ħalib ħolqu s-sistema ta' *bonus shares*, imma jien nistaqsi: Din kull kooperativa tista' tagħmilha? Għax jekk kull kooperativa tista' tagħmel dan, jiena tal-fehma li b'xi mod tiġi riflessa hawnhekk għax kif inhi, din m'hijiex ġusta. Aħna nafu li hemm kooperativi - ejjew ma ngħidux li nafu b'każijiet partikolari u ngħidu li jista' jkun hemm il-każ - li jkunu *managed* minn persuni li ma jkunux membri ta' dawn il-kooperativi imma jkunu mpjegati, u dawn tant ikollhom moħħhom tajjeb u tant ikunu kapaċi jimmanipulaw li qatt ma jġibu dawn l-affarijiet għall-konsiderazzjoni tal-membri tal-kooperativa. Għaldaqstant jiena nħoss li jekk se nesponu lill-membri tal-kooperativi b'mod li dawn kulma se jieħdu huwa *a nominal value of their shares*, biex tkun ġusta għandu jkollhom is-*safeguard* li jieħdu xi ħaġa lura minn dawk is-sagrifiċċji li huma, missirijiethom u nannithom ikunu għamlu matul is-snin, speċjalment jekk ikunu se jirtiraw minħabba mard jew minħabba raġunijiet oħra ta' dan it-tip.

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Sur President, jien nifhem li bħala prinċipju meta wieħed jagħżel li jidħol f'kooperativa ma jkunx hemm il-ħsieb li iktar 'il quddiem huwa se jieħu *return* tal-flus li jkun investa fil-kooperativa u jista' jkun ukoll li jekk ikun hemm konsiderazzjonijiet ta' valutazzjoni ta' l-*ishma* wieħed ma jsibx diffikultajiet biex jagħmel valutazzjoni ġusta, pero` min-naħa l-oħra wieħed ma jridx jitlef l-inċentiv ta' ċerti nies li qed jagħmlu l-qabża minn impjegati għal xi ħaġa li hija tagħhom f'tagħhom b'mod passiv. Għalkemm wieħed jifhem li f'dan il-qasam m'għandux ikollna paralleliżmi u l-istess ideat li jeżistu fil-qasam tal-kummerċ, pero` jkun tajjeb jekk tinstab xi *formula* li biha jiżdied il-valur ta' l-*ishma* biex jekk għada pitgħada xi membru tal-kooperativa jiġi biex jitlaq, il-Lm1 li jkun investa tiġi mmultiplikata, għall-grazzja ta' l-argument, bi tliet darbiet għal kull sena li jagħmel membru ta' din il-kooperativa. Wieħed irid jgħid ukoll li ċerti soċjetajiet li jintervjenu fis-settur tal-kummerċ jakkwistaw il-*goodwill*. Issa fil-qasam tal-kummerċ il-*goodwill* huwa *asset*.

Naturalment dak l-*asset* huwa ta' l-entita`, imma xi ftit tal-kontribut mill-persuna li investiet fl-entita` jingħata. Issa hawnhekk irridu noqogħdu attenti għax aħna m'aħniex qed nagħmlu distinzjoni bejn li tinvesti l-flus u li tinvesti x-xogħol tiegħek, imma dak ix-xogħol li inti investejt u li bih żidt il-*goodwill* ... U għaliex ngħidu li bix-xogħol li tagħmel il-*goodwill* jiżdied? Għax ġaladarba l-kooperativa tkun ħolqot inċentiv biex ikun hemm iktar ħaddiema li jsiru membri tagħha, ikun hemm iktar nies li jqabbdu lil din il-kooperativa u għalhekk tieħu l-isem. Dan kollu huwa importanti, mhux biss fil-kamp ta' dawn it-tip ta' soċjetajiet imma iktar fid-dinja tax-xogħol għax ikollok iktar parteċipazzjoni attiva u effettiva tal-ħaddiem.

Għar-rigward tas-sistema tal-*bonus shares* naħseb li xi forma ta' bilanċ nistgħu nsibu. Naturalment mhux kull soċjeta` stabbilita se tagħmel użu minn din is-sistema awtomatikament. Issa hawnhekk jien nixtieq nistaqsi jekk huwiex possibbli li wieħed ma jgħidx *outright* li jekk jiġi biex jitlaq mill-kooperativa, huwa se jieħu biss il-Lm1 li jkun investa. Għaliex? Biex ma jkollokx nies li jibqgħu lura milli jsiru membri tal-kooperativi. Anzi jien ngħid li lin-nies għandek tħajjarhom biex isiru membri ta' kooperativa billi toħloq ċerti inċentivi, bħal per eżempju, li kull sena li wieħed jagħmel f'kooperativa jieħu wieħed u nofs iktar ta' dik il-Lm1 li jkun investa biex b'hekk, għall-grazzja ta' l-argument, fl-aħħar tal-ġurnata jieħu Lm1,000. Naturalment dan ma jkunx jirrifletti l-valur kummerċjali tas-soċjeta` u lanqas ikun jirrifletti x'sar fil-konċetti u fid-dimensjonijiet tal-*libero commercio* u ta' kummerċ sħiħ, pero` min-naħa l-oħra x-

xogħol u l-ħidma li tkun qed tagħmel il-kooperativa fid-dinja tan-negozju ma tiġix mormija imma tiġi vvalutata.

Huwa importanti wkoll li jekk ikun hemm il-possibbilta` li s-soċjetajiet kummerċjali jagħmlu xi ħaġa flimkien mal-kooperativi, din il-possibbilta` ma tiġix mormija *a priori* billi wieħed jgħid li l-kooperativi m'għandhomx l-istess rwol jew l-istess forma ta' dimensjoni fil-kamp tan-negozju in ġenerali. F'din il-linja jien naqbel ma' dak li qed tgħid l-Onor. Coleiro. Ejjew nieħdu mpjegat ċivil normali. Dan biex jagħmel qabża, ħafna drabi jkollu l-karotta li jekk jagħmel dan jibda jaqla' iktar flus. Fil-fatt ċerti drabi aħna kważi nagħtuhom is-suq lest għalihom b'mod li ma jkollhomx għalfejn jaħdmu għas-suq, bħallikieku m'hemmx min hu lest jeħdilhom xogħolhom. Huwa pass pożittiv ħafna li minn sempliċiment soċjeta` ċivili li kienet kważi għarwiena fid-dinja tal-kummerċ, hawnhekk lil din is-soċjeta` qed nagħtuha dimensjoni iktar b'saħħitha biex tkun tiflaħ taffronta l-problemi li jeżistu llum fil-qasam tal-kummerċ.

Sur President, fl-opinjoni tiegħi, il-kelma "nominali" li se ndaħħlu hawnhekk hija xi ftit xotta, u wisq nibża' li meta dak li jkun iqabbad *accountant* se jiddaħħlu ħafna komplikazzjonijiet u mhux dejjem se jaqbel ma' l-*accountant*. Għalhekk jien nissuġġerixxi li ssir *a plain straight formula*. B'hekk lil dak li jkun iktar tħajru għax dak li jkun ikun jaf eżatt kemm se jaqla' flus għal kull sena li jkun membru tal-kooperativa. Fl-opinjoni tiegħi, din hija s-soluzzjoni.

**THE CHAIRMAN:** Ma naħsibx li din hija xi ħaġa li tista' tagħmilha *across the board* għax hemm soċjeta` u soċjeta`. Per eżempju, ħafna mis-soċjetajiet, bħal dik tal-bdiewa li semmiet l-Onor. Coleiro, m'għandhom l-ebda skop ta' qligħ.

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Imma xi forma ta' qligħ ikun hemm. Jekk aħna se nirriduċu ruħna għall-konċett tal-profitt, dawn se jkollhom xi forma ta' gwadann. Ejjew ngħidu li jkun hemm grupp ta' nies li jkunu waqqfu kooperativa biex jipproteġu x-xogħol tagħhom. Diġa` huwa gwadann li dawn ikun irnexxielhom jippriżervaw ix-xogħol tagħhom fid-dinja tan-negozju tal-lum u li minflok jaqilgħu l-*minimum wage* jibdew jaqilgħu ftit iktar mill-*minimum wage*. Issa hawnhekk jien m'iniex qed noħroġ b'*set formula* imma qed ngħid sempliċement li jkun perikoluż jekk naqtgħu linja għad-dritt u ngħidu "valur nominali". Jekk hemm xi konsiderazzjonijiet oħra, jien lest li noqgħod fuqhom.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Jien nixtieq nistaqsi x'inhuma l-vantaġġi legali li ġġib emenda bħal din li għandna quddiemna.

**DR GODFREY BALDACCHINO:** Il-vantaġġ legali huwa preċiżament dak li tevita t-tip ta' argument li qed jissuġġerixxi l-Onor. Mifsud Bonnici. Għaliex? Għax hekk kif inti ddaħħal il-possibbilta` li x-*share* jiġi pprezzat, awtomatikament inti ddaħħal l-idea li jekk biex dħalt membru f'kooperativa investejt Lm1, wara għaxar snin dik il-Lm1 se ssirlek Lm10 jew Lm20. Dan huwa preċiżament it-tip ta' ħsieb li nixtiequ nevitaw fil-qasam tal-kooperativi.

Ir-*return on capital* huwa limitat. Fil-fatt jekk wieħed iħares lejn il-prinċipji ta' kooperativa, li intom diġa` approvajtu, isib li wieħed mill-prinċipji bażiċi huwa proprju r-*return on capital*. Issa l-għasel li tħalli n-naħla fil-kooperativa m'huwiex riżultat tax-*share* imma huwa riżultat ta' l-isforz li tagħmel, u allura dak li inti tieħu, ma tieħdux bħala *dividend*. Fil-fatt hemm ċerti limitazzjonijiet fuq id-*dividend*. Bir-*regulation* li għaddiet, l-ogħla *dividend* li tista' tieħu huwa ta' 5%, u ma tistax tieħu iktar minn 5% tas-*surplus* bħala *dividend*. Ir-*return* tieħdu minn dak li ngħidulu "*patronage refund*" fejn inti tkun ħdimt fil-kooperativa u tajt xi kontribut materjali, u mbagħad abbażi ta' l-ammont ta' kontribut li tajt wieħed jaħdem il-persentaġġ ta' *surplus* li kien dovut minnek u tieħu ċertu persentaġġ lura, jiġifieri r-*return* hemmhekk qiegħed, Onor. Mifsud Bonnici. Li hemm differenti hija l-għamla tiegħu, jiġifieri t-tluq m'huwiex xi tluq kapitalista fejn imexxi l-kapital imma fejn imexxi x-xogħol, u r-*return* huwa abbażi ta' dik il-ħidma.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Imma jekk fhimtu sew lill-Viċi Prim Ministru, huwa qal li dak is-*surplus* huwa limitat. Għandu *a maximum limit* ta' kemm jista' jkun dak is-*surplus*?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le, safejn naf jien m'għedtx hekk.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Mingħalija dan il-kliem ingħad meta ssemmew id-Lm999.

**DR GODFREY BALDACCHINO:** Hemmhekk konna qed nirriferu għas-sistema tal-*bonus shares*. Fil-fatt dak huwa mekkaniżmu ieħor li jintuża minn kooperativa partikolari.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Jekk kooperativa tkun tista' tiddeċiedi, hemm metodu kif iżżid il-valur tax-*share* billi toħroġ dawk li qed jgħidulhom "*bonus shares*". Fil-fatt fl-abbozz ta' liġi li għandna quddiemna hawn klawsola - klawsola 94 - li tippermetti l-ħruġ ta' *bonus shares* jew ta' skemi fejn prattikament wieħed iżid il-valur tas-sehem li l-individwu jkollu f'kooperativa.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Farrugia.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Sur President, jiddispjaċini li ma kontx preżenti l-ħin kollu f'din il-kamra, pero` issa, li qed insegwi l-argumenti li qed isiru, nixtieq li nagħmel diversi mistoqsijiet.

Aħna qed ngħidu li meta wieħed ikun membru f'kooperativa u jkollu, per eżempju, *share value* ta' Lm1, wara ċertu perijodu u anke snin, dan jieħu l-istess *return* ta' dak il-valur. Issa hawnhekk jien nixtieq nistaqsi: Barra minn Malta l-kooperativi jaħdmu b'dan il-prinċipju wkoll?

**DR GODFREY BALDACCHINO:** Iva.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Jiġifieri anke jekk ikunu għaddew numru ta' snin mhux ħażin u jkun hemm suċċessjoni ta' membru minn missier għal iben, il-valur jibqa' dak li jkun beda bih il-missier oriġinarjament?

**DR GODFREY BALDACCHINO:** Iva.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Allura lanqas jiġi kkonsidrat jekk dik il-kooperativa jkollhiex żieda fl-avvjament, per eżempju? L-ewwel l-Onor. Mifsud Bonnici semma l-*goodwill*.

**DR GODFREY BALDACCHINO:** Iva. Imma apparti minn hekk hemm sistemi li bihom inti tkun tista' tagħmel riflessjoni ta' dan l-avvjament mingħajr ma tbiddel il-valur tax-*share* innifsu. Naħseb li inti ma kontx hawn, pero` l-ewwel kont qed insemmi l-iskema tas-*certificate* jew tal-*bonus share* li teżisti fil-liġi tagħna fejn inti tagħmel *accounting exercise* u tgħid li fejn qabel, għall-grazzja ta' l-argument, ix-*share* kien Lm1, illum minħabba dawn ir-raġunijiet li qegħdin insemmu sar jiswa Lm10.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Ma nafx jekk sħabi jaqblux, pero` naħseb li għandna nkunu ċerti li tiġi addottata din il-proċedura biex għallinqas ikun hemm *return* ta' xi ħaġa għax ma jagħmilx sens li 50 sena ilu kont xtrajt *share* ta' 50ċ u fl-2020, biex nieħdu eżempju, dan ix-*share* jibqa' jiswa 50ċ. Fil-fatt il-valur lanqas ikun baqa' l-istess għax 50ċ ta' 50 sena ilu ma kenux il-50ċ tal-lum.

**DR GODFREY BALDACCHINO:** Hekk hu. Anke biex iżżomm l-istess valur, jiġifieri din m'hijiex kwestjoni ta' avvjament.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Qed tifhmu l-punt li qed nipprova nagħmel, Dr Baldacchino?

**DR GODFREY BALDACCHINO:** Iva, qed nifhmu.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Jiġifieri jekk illum jien qed nitkellem fuq Lm1, dik il-Lm1 m'hijiex l-istess Lm1 ta' għaxar snin oħra. Anke l-*cost of living index* jirrifletti dan li qed ngħid.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Vassallo.

**ONOR. EDWIN VASSALLO:** Għalkemm aħna qed ngħidu li l-iskop tal-kooperativi m'huwiex li jkun hemm il-qligħ, fl-istess ħin Dr Baldacchino m'ilux semma li hemm kooperattiva li ħarġet bl-idea tal-*bonus share*. Allura meta aħna qed ngħidu proprju li ma rridux li jkun hemm il-ħsieb kapitalista, dan ifisser li se jkollna liġi li se tirrestrinġi lil xi kooperativa milli taħdem fuq ċerta prattika, bħal ngħidu aħna, fuq is-sistema tal-*bonus share*? Għax jekk kooperativa titħalla taħdem fuq is-sistema tal-*bonus share*, din se tmur għall-idea kapitalista li aħna ma rriduhiex tmur għaliha u għalhekk m'hijiex se tibqa' daqshekk ideali.

Jien nifhem li din il-leġislazzjoni li għandna quddiemna qed tipprova toħloq ċertu idealiżmu, pero` kif konna qed ngħidu meta konna qed niddiskutu din l-*issue* bejnietna, irridu noqogħdu attenti li ma jmurx l-idealiżmu jżomm lura lin-nies milli jersqu 'l quddiem fil-kooperativi għax aħna anzi rridu li l-kooperativi jieħdu l-ħajja. Ċertu idealiżmu jservi ta' ġid, imma jien qed nara li dan l-abbozz ta' liġi li għandna quddiemna qed ipoġġi fuq kulmin huwa msieħeb f'kooperativa kważi l-istess obbligi ta' kulmin qiegħed f'kumpannija kummerċjali rreġistrata taħt l-*MFSC*.

Mela meta kellna ċertu *go as you please*, aħna neħħejnieh biex żiedna ċertu organizzazzjoni għax fhimna li m'huwiex tajjeb li jkollna *go as you please* fil-kooperativi u mbagħad poġġejna ċerta regolamentazzjoni li hija ekwivalenti għall-istess piżijiet li hemm f'ditta kummerċjali, pero` bħala ideal ħallejna l-ideal tal-kooperativa, li m'huwiex daqshekk kapitalista. Issa jien ngħid li filwaqt li dawn l-ideali huma tajbin u huma meħtieġa fis-suq għax permezz tagħhom inkunu qed nevitaw l-isfruttament ta' kull ħaġa li hija kapitalista, jiġifieri huwa tajjeb li nersqu lejn dawn it-tip ta' ideali, fl-istess ħin għandna noqogħdu attenti li ma jmurx ikun hemm min jaħseb li għall-finijiet ta' kummerċ ikun jaqbillu jidħol f'kooperativa milli f'kumpannija kummerċjali rreġistrata taħt l-*MFSC* għax bażikament dawn għandhom l-istess piżijiet u l-istess sistemi ta' *accountancy*. Din hi l-osservazzjoni li nixtieq nagħmel.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Ma rridux ninsew li kemm jekk entita` hija kooperativa kif ukoll jekk hija soċjeta` kummerċjali, finalment din qiegħda hemm għall-qligħ. Ma naħsibx li hawn xi ħadd li jissieħeb f'kooperativa biex ma jirreġistrax avvanz f'dak li huwa profitt.

**ONOR. EDWIN VASSALLO:** Dan l-abbozz ta' liġi qed jipprova jitfa' dan it-tip ta' ideal fuq il-kooperativa. Issa jekk aħna se nippermettu li jkun hemm dan it-tip ta' ideal fuq il-kooperativa, allura l-kooperativa tkun tista' taqbad u ddaħħal is-sistema tal-*bonus share*, pero` jien nara li s-sistema tal-*bonus share* tikkonfliġġi ma' l-ispirtu ta' dan l-abbozz ta' liġi li għandna quddiemna.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Illum kooperativa mhux f'kompetizzjoni ma' ħaddieħor qiegħda?

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Chircop.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Ħalli nipprova nkun ftit prattiku. Aħna qegħdin naqblu fuq id-differenza li teżisti bejn kooperativa u kumpannija kummerċjali b'responsabbilta` limitata, pero` aħna l-Membri ta' l-Oppożizzjoni qed inħossu li paragrafu 10 tat-Tieni Skeda, li suppost qiegħed hemmhekk biex jirrifletti l-*fairness*, jista' jagħti lok għal ċertu *unfairness*. Għalhekk naħseb li din il-problema, li wara kollox ħloqna aħna stess, tista' tiġi solvuta billi l-emenda li l-Viċi Prim Ministru ppropona għal paragrafu 10 tat-Tieni Skeda terġa` tinbidel u minflok tiddaħħal l-idea tal-*bonus shares* li hija riflessa wkoll fi klawsola 94. Jekk wieħed jaqra klawsola 94 isib li din tagħmel sens u żżomm pari passu mal-filosofija tal-kooperativi mentri kif inhi l-emenda għal paragrafu 10 tat-Tieni Skeda *is very unfair*. Għaliex? Għax jekk snin ilu wieħed kien investa Lm1 f'kooperativa, u llum il-valur ta' dik il-Lm1 huwa Lm10, lil dan għaliex se ntellfulu Lm9?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Hawnhekk għandna prinċipju fundamentali li m'aħniex niftehmu fuqu. Nerġa` nirripeti li aħna ma nistgħux inħarsu lejn is-sehem li membru f'kooperativa għandu f'dik il-kooperativa u nqabbluh jew inkella nirraġunawh bl-istess *frame of mind* li nirraġunaw fuq *shares* f'kumpannija kummerċjali b'responsabbilta` limitata. Fil-fatt meta minn hawn u ftit ieħor niġu għall-

klawsoli li ġejjin nindunaw kemm il-kooperativi jittrattaw ix-*shares* b'mod differenti minn kif jittrattawhom il-kumpanniji kummerċjali b'responsabbilta` limitata. Per eżempju, membru f'kooperativa ma jistax jinnegozja s-sehem tiegħu fil-kooperativa, u jien, li m'iniex membru ta' kooperativa, ma nistax nixtri x-*shares* ta' min hu membru f'kooperativa.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Biex insostni l-argument tiegħek ta' kemm il-kooperattivi jittrattaw ix-*shares* b'mod differenti minn kif jittrattawhom il-kumpanniji kummerċjali b'responsabbilta` limitata, irrid ngħid li anke jekk, għall-grazzja ta' l-argument, wieħed li m'huwiex membru ta' kooperativa jixtri x-*shares* ta' min ikun membru f'kooperativa, jixtri kemm jixtri *shares*, is-saħħa tiegħu xorta tibqa' ugwali daqs ta' ħaddieħor. Din hi d-differenza fundamentali li hemm bejn wieħed li jkun membru ta' kumpannija kummerċjali b'responsabbilta` limitata u bejn wieħed li jkun membru f'kooperativa.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Pero` l-prinċipju fundamentali huwa li l-valur li tagħti lejn dan is-sehem huwa l-valur li inti qed tipparteċipa u m'huwiex il-valur ekonomiku monetarju. Dan hu l-prinċipju fundamentali. Naturalment dan ma jħassarx ir-realtajiet li semmiet l-Onor. Coleiro, jiġifieri li xi ħadd ikun sar membru f'kooperativa xi 20 jew 30 sena ilu b'50 ċenteżmu ...

**ONOR. KARL CHIRCOP:** ... u jkun irid jirtira għal xi raġunijiet partikolari.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Onor. Gonzi, forsi jien stajt tajt spjegazzjoni aħjar, pero` l-punt tiegħi kien li qed jiġi mminimizzat il-valur tax-xogħol u l-parteċipazzjoni li dak l-individwu jkun ta matul is-snin.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Fil-kunċett qed naqbel miegħek, pero` ma naqbilx miegħek li b'hekk qed nimminimizzaw il-valur tax-xogħol li jkun ta dak l-individwu matul is-snin. Jien ma npoġġix l-argument b'dan il-mod, pero` ejjew inħalluha għax il-kunċett qed nifhmu.

**ONOR. HELEN D'AMATO:** Jekk wieħed isir membru ta' kooperativa llum, kemm irid iħallas?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Jekk wieħed isir membru ta' kooperativa llum, dan xorta waħda jħallas 50ċ. Is-soluzzjoni li tipprovdi l-liġi biex ma timminax dan kollu hija dik tal-*bonus shares*. Jista' jkun hemm soluzzjonijiet oħrajn, imma l-liġi, permezz ta' klawsola 94, ...

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Il-*bonus share* m'huwiex tassattiv.
**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Dażgur li m'huwiex tassattiv!

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Per eżempju, f'subklawsola (1) ta' klawsola 94 għaliex għandek li s-soċjeta` "tista'" u mhux li s-soċjeta` "għandha"?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Mela l-liġi tista' timponi fuq il-kooperativa?!

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Mela dan l-artiklu m'hu qed jagħti l-ebda *safeguards*!

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Ippermettili, Onor. Coleiro. Prinċipju fundamentali ieħor huwa li l-kooperativi huma mibnijin fuq prinċipji demokratiċi u għalhekk il-liġi ma tistax timponi fuq il-maġġoranza tal-membri tal-kooperativa biex jiddeċiedu bilfors li jkollhom *bonus shares*. Meta niġu għal klawsola 60 iktar 'il quddiem, se nitkellmu fuq id-dritt ta' membru li jiddeċiedi li ma jibqax membru ta' kooperativa, imma dan ma jistax idur fuq il-kooperativa u jgħidilha li ġaladarba s-sehem tiegħu jiswa Lm100,000, din għandha tagħtih Lm100,000.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Jekk ikun hemm regolamentazzjoni ta' dan li qed tgħid ħadd ma jista' jitkessaħ u jirkeb fuq dahar kulħadd. *Therefore we have to regulate*.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Qed naqblu. *We are regulating*, u r-regolament li qed nagħmlu huwa li membru ta' kooperativa jista' ma jibqax membru ta' din l-entita`, imbasta jieħu biss il-valur nominali.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Onor. Gonzi, fir-regolamentazzjoni trid tkun tassattiv, u ma tistax tkun tassattiv jekk iddaħħal il-kelma "tista'". Bir-rispett kollu, imma aħna għandu jkollna interess *that we safeguard* anke l-valur tax-xogħol li jkun ingħata. Kieku hawnhekk qegħdin ngħixu f'xi stat ideali ta' *Marx* kollox sew, imma dan ħadd qatt fid-dinja ma għexu, aħseb u ara llum, meta qegħdin inpoġġu lil dawn l-entitajiet bil-prinċipji sbieħ tagħhom f'suq ta' xogħol kapitalista sfrenat! *In vista* ta' dan, lill-entitajiet iktar trid tħarishom. Ma tistax toqgħod tħares biss lejn l-idealiżmu tagħha l-ħaġa imma trid tkun prattiku wkoll. Filwaqt li żżomm l-ideali fuq pedestall, għandek tistaqsi: L-ideal se jibqa' jitgawda jew se jiġi *diluted*? U milli jidher hawnhekk, l-ideal se jiġi *diluted* għax il-valur tax-xogħol se jiġi mormi.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Allura ma jagħmilx sens li jkollok kooperativa!

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Le, mhux veru! Lili personalment is-sistema tal-*bonus shares* tissodisfani, imma jekk issa se ndaħħlu l-kelma "tista", dan se jkun ifisser li se jkun f'idejn il-*management* tal-kooperativa jekk tingħatax rakkmandazzjoni lill-bord tal-kooperativa jew jekk issirx xi laqgħa ġenerali. B'dan il-mod jaħdmu l-affarijiet għax ħafna drabi l-membri tal-bord huma l-inqas nies li jafu kif imorru l-affarijiet. Huma l-*managers* li jafu kif imorru l-affarijiet, pero` minkejja dan huma ma jirrakkmandawx. M'iniex qed ngħid li din saret b'intenzjoni, għalkemm tista' ssir b'intenzjoni wkoll, u għalhekk fil-liġi għandu jkollna *safeguard* biex jekk *manager* ma jkunx qed jagħmel rakkmandazzjonijeit biex iħares dan kollu li qegħdin insemmu, il-liġi tikkostrinġih biex jagħmel dan. Dan li qed nipprovaw ngħidu aħna l-Membri ta' l-oppożizzjoni. Aħna qegħdin naqblu fuq il-prinċipji, pero` m'aħniex qegħdin naqblu fuq il-metodu ta' kif għandhom jiġu mwettqa l-affarijiet.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Ippermettili ftit, Onor. Coleiro. Ħalli nipprova nifhem is-suġġeriment li qed isir. Jiġifieri qed jiġi suġġerit li għandna nimponu obbligu fuq il-kooperativa biex din toħroġ il-*bonus shares* kull sena?

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Onor. Gonzi, oriġinarjament inti hawnhekk ġejt b'abbozz ta' liġi li għedt illi jagħti valur ekwu. Issa jien b'dan kont qed nifhem li inti kont qed tgħid li dan l-abbozz ta' liġi jagħti *market value*.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** *Fair value* u mhux *market value*.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** *Fair value would mean market value*.

**DR GODFREY BALDACCHINO:** Mhux bilfors.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le, mhux bilfors.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Mhux hekk tfisser?! (Interruzzjonijiet) Kollox sew, mela ħalli nuża l-frażi "*fair value*". Din il-frażi hija iktar ambigwa u allura qed tkompli tiftaħ il-bieb beraħ.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Jiġifieri inti x'qed tissuġġerixxi, Onor. Coleiro? Għax jekk qed tissuġġerixxi xi ħaġa aċċettabbli, jien naċċettaha, imma qed naħseb li l-argument tiegħek se jwassalna …

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Jekk f'paragrafu 10 tat-Tieni Skeda biddilt il-frażi "*fair value*" għal "*nominal value*", issa jien nissuġġerixxi li nsibu terminoloġija - u din hija xi ħaġa li m'iniex kapaċi nagħmilha jiena bħala *lay person* - biex nagħmlu *safeguards* għas-sistema ta' *bonus shares* li ħolqot il-kooperativa dwar il-produtturi tal-ħalib, pero` ssemmulix klawsola 94 għax din il-klawsola ma taqdix dan l-iskop. Fil-fatt klawsola 94 donnha qed titkellem fuq id-*dividends* mentri hawnhekk qed nitkellmu fuq il-*membership* ta' l-individwi f'kooperativa.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Bir-rispett kollu, imma għadni m'iniex qed nifhem x'inhu s-suġġeriment li qed tagħmel, Onor. Coleiro. Aħna qegħdin ngħidu li l-prinċipju għandu jkun nominali, pero` kooperativa tista' tiddeċiedi li tagħti *bonus shares*.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Imma kooperativa "għandha" tiddeċiedi li tagħti *bonus shares* u mhux "tista'", anke jekk norbtuha b'terminu ta' żmien.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Jekk qed insegwi lill-Onor. Coleiro tajjeb, hija qed tissuġġerixxi li l-kooperativi kollha jkunu obbligati li kull tant żmien joħorġu *bonus shares* biex itellgħu l-valur tax-*shares* għall-valur tas-suq. Issa jien naħseb li dan iġibna lura għall-prinċipju li konna qed nitkellmu fuqu l-ewwel, u jien m'iniex komdu li nimponu obbligu bħal dan fuq il-kooperativi.

**ONOR. HELEN D'AMATO:** Fil-kas imbagħad x'jiġri minn persuna li tkun se ssir membru ġdid ta' kooperativa?

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Jekk illum jien se nitlaq mill-kooperativa u ħadt tant flus, inti li tkun dieħla minfloki għandek tħallas l-istess ammont.

**ONOR. HELEN D'AMATO:** Imma mhux bilfors ikun hemm jien li nidħol minflokok. (Interruzzjonijiet)

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Issa jekk ikollok bidwi ...

**DR GODFREY BALDACCHINO:** Il-bidwi m'għandux x'jaqsam. Il-bidwi jaf li għandu l-baqra li jrid iħallibha u mill-bqija ma jinteressah xejn. L-aqwa għalih huwa li jkollu r-*return*. (Interruzzjonijiet)

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Issa jekk hawn xi ħadd idealista, din hija jiena.

**ONOR. EDWIN VASSALLO:** L-ewwel jien qbilt miegħek li l-kelma "tista'" fi klawsola 94 għandha tinbidel, pero` issa qed nirrealizza li Allaħares ma kienx hemm din il-kelma f'din il-klawsola għax inti ma tistax timponi.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Imma, Onor. Vassallo, klawsola 94 ma saritx biex taqdi klawsola 34 imma saret għal affarijiet oħra.

**DR GODFREY BALDACCHINO:** Onor. Coleiro, l-argument li qed iġġib inti jsir iktar importanti fir-rigward ta' kooperativa tal-ħaddiema għax f'dan il-każ l-individwu mhux biss ikun qed jieħu servizz mill-kooperativa imma jkun qed jieħu wkoll il-paga. Issa f'din is-sitwazzjoni l-ħaddiema stess joħolqu skema biex jieħdu xi ħaġa meta jitilqu, bħal ngħidu aħna, *pension schemes* jew *redundancy benefits*, imma x-*share* jibqa' kif inhu.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Ma nafx, *I'm thinking aloud*, pero` min jaf li kieku nħallu paragrafu 10 tat-Tieni Skeda kif inhu u mbagħad x'imkien jidħol paragrafu li jippermetti li bħala minimu kull kooperativa għandha tistabilixxi dan il-kumpens *extra* apparti l-valur tax-*shares*?

**DR GODFREY BALDACCHINO:** Kif inhu paragrafu 10, m'huwiex eskluż li jsir hekk.

**ONOR. EDWIN VASSALLO:** Imma allura fi klawsola 94 il-kelma "tista'" għandha tinbidel u minflokha tiddaħħal il-kelma "għandha".

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le. Dik għalija m'hijiex xi ħaġa aċċettabbli.

**THE CHAIRMAN:** Naħseb li għal-lum ikun aħjar jekk niefqu hawn. Il-Kumitat jerġa` jiltaqa' biex ikompli jiddiskuti dan l-abbozz ta' liġi nhar it-Tnejn, 29 ta' Ottubru fis-7.30 p.m. Nirringrazzjakom.

*Fid-9.29 p.m. id-diskussjoni fuq din il-klawsola ġiet interrotta u baqgħet aġġornata.*